Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2899

22.12.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2899**

**tad-19 ta' Diċembru 2023**

**li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mir-Renju tal-Iżvezja u r-Repubblika Portugiża,

Wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sa Eva LINDSTRÖM ser jiskadi fid-29 ta' Frar 2024. Ir-Renju tal-Iżvezja ppropona li s-Sur Hans LINDBLAD jinħatar membru tal-Qorti tal-Awdituri mill-1 ta' Ġunju 2024.

(2) Is-Sur João FIGUEIREDO miet fit-30 ta' Ġunju 2021. Il-mandat tiegħu kellu jiskadi fid-29 ta' Frar 2024. Ir-Repubblika Portugiża ppproponiet li s-Sur João LEÃO jinħatar membru tal-Qorti tal-Awdituri fil-pożizzjoni vakanti mill-1 ta' Marzu 2024.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li jinħatru żewġ membri fil-Qorti tal-Awdituri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Qorti tal-Awdituri:

— Is-Sur Hans LINDBLAD, għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-31 ta' Mejju 2030,

— Is-Sur João LEÃO, għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2024 sat-28 ta' Frar 2030.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

T. RIBERA RODRÍGUEZ

([1]) Opinjonijiet tat-12 ta' Diċembru 2023 (għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali).